DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1168

tal-5 ta' Lulju 2019

dwar il-ħatra ta' membri tal-Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-xogħol għat-terminu l-ġdid ta' kariga

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/319/KE tat-12 ta' Lulju 1995 biex tistabbilixxi Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-ismijiet imressqa ta' dawk nominati mill-Istati Membri,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 95/319/KE jistipula li jenħtieġ li l-Kumitat ikun jikkonsisti minn membru sħiħ minn kull Stat Membru u li jista' jinħatar membru supplenti għal kull membru sħiħ.

(2) L-Artikolu 5(2) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula li l-membri sħaħ u dawk supplenti tal-Kumitat jenħtieġ li jinħatru mill-Kummissjoni fuq proposta mill-Istat Membru.

(3) L-Artikolu 5(3) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula li t-terminu tal-kariga tal-membri tal-Kumitat jenħtieġ li jkun ta' tliet snin u li l-ħatra tagħhom jenħtieġ li tkun tiġġedded.

(4) It-terminu tal-kariga preċedenti tal-Kumitat intemm fil-31 ta' Diċembru 2018.

(5) Għaldaqstant il-Kummissjoni jenħtieġ li taħtar il-membri ta' dan il-Kumitat abbażi tal-proposti mill-Istati Membri għal perjodu ta' tliet snin,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Il-persuni msemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma maħtura bħala membri sħaħ u supplenti tal-Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2021.

(2) Il-lista tal-membri għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għal raġunijiet ta' informazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 188, 9.8.1995, p. 11.

ANNESS

Stat Membru	Membru sħiħ	Membru supplenti
Il-Belġju	Is-Sur Paul TOUSSEYN	Is-Sur Luc VAN HAMME
Il-Bulgarija	Is-Sinjura Miroslava ANGELOVA	Is-Sinjura Irena DIMITROVA
Iċ-Ċekja	Is-Sur Rudolf HAHN	Is-Sur Pavel HEISIG
Id-Danimarka	Is-Sinjura Vibe WEST	Is-Sinjura Annemarie KNUDSEN
Il-Ġermanja	Is-Sur Kai-Michael SCHÄFER	Is-Sur Helmut GOTTWALD
L-Estonja	Is-Sinjura Maret MARIPUU	Is-Sinjura Silja SOON
L-Irlanda	Is-Sur Mark CULLEN	Is-Sur P.J. CLAFFEY
Il-Greċja	Is-Sinjura Panagiota KATSAKIORI	Is-Sinjura Chrysoula TOUFEKOULA
Spanja	Is-Sinjura Mariá Soledad SERRANO PONZ	Is-Sur Adrián GONZÁLEZ MARTÍN
Franza	Is-Sur Laurent VILBOEUF	Is-Sinjura Jessy PRETTO
Il-Kroazja	Is-Sur Miroslav BABIĆ	Is-Sur Branko MESIĆ
L-Italja	Is-Sur Danilo PAPA	Is-Sinjura Roberta FABRIZI
Ċipru	Is-Sur Anastassios YIANNAKI	Is-Sur Aristodemos ECONOMIDES
Il-Latvja	Is-Sur Renārs LŪSIS	Is-Sinjura Linda MATISĀNE
Il-Litwanja	Is-Sur Jonas GRICIUS	Is-Sinjura Dalia LEGIENE
Il-Lussemburgu	Is-Sur Marco BOLY	Is-Sinjura Patrice FURLANI
L-Ungerija	Is-Sur Péter NESZTINGER	Is-Sur Dániel MOLNÁR
Malta	Is-Sur Mark GAUCI	Is-Sur Vincent ATTARD
In-Netherlands	Is-Sur M.J. (Marc) KUIPERS	Is-Sur Rits DE BOER
L-Awstrija	Is-Sinjura Gertrud BREINDL	Is-Sinjura Alexandra MARX
Il-Polonja	Is-Sur Wiesław LYSZCZEK	Is-Sur Bogdan DRZASTWA
Il-Portugall	Is-Sinjura Maria Luísa TORRES DE ECKENROTH GUIMARÃES	Is-Sinjura Maria Fernanda FERREIRA CAMPOS
Ir-Rumanija	*Mill-1 ta' Jannar 2019 sat-2 ta' Ġunju 2019* Is-Sur Dantes Ioan BRATU	Is-Sur Ioan Cosmin CONSTANTIN
	Mit-3 ta' Ġunju 2019: Is-Sur Mihail Adrian OPRESCU	
Is-Slovenja	Is-Sur Jadranko GRLIĆ	Is-Sur Slavko KRIŠTOFELC
Is-Slovakkja	Is-Sur Karol HABINA	Is-Sinjura Miroslava Mošonová
Il-Finlandja	Is-Sur Raimo ANTILA	Is-Sur Arto TERONEN
L-Iżvezja	Is-Sur Håkan OLSSON	Is-Sinjura Pia ZÄTTERSTRÖM
Ir-Renju Unit	Is-Sur David SNOWBALL	Is-Sinjura Kären CLAYTON